# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 16 ta' Frar 2017**

**Kawza Numru : 27**
**Rikors Guramentat Numru : 1080/2016/LSO**

**Christopher Ehi-Oziegbe (K.I. 436616L) u Edith Queen (K.I. 67074A) konjugi Aghahowa bhala kuraturi tal-minuri binthom Eseosa Abigail Aghahowa.**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Christopher Ehi-Oziegbe Aghahowa et noe (K.I. 436616L) datat 28 ta’ Novembru 2016 fejn espona: -

Illi l-esponenti huma l-genituri tal-minuri Eseosa Abigail Aghahowa (K.I.484311L) li twieldet fl-ewwel (1) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) hekk kif jirrizulta mill-att ta' twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 4843 tas-sena 2011 li kopja tieghu tinsab annessa u mmarkata bhala "Dok. A";

Illi hekk kif jirrizulta mill-kopja annessa, fl-att ta' twelid tal-esponenti, l-isem tal-minuri esponenti gie indikat bhala "Eseosa Princess";

Illi madanakollu, l-esponenti kienet minn dejjem maghrufa bl-isem "Eseosa Abigail", liema isem huwa dak li llum hija bih maghrufa l-esponenti;

Illi fil-fatt, l-esponenti hija registrata fl-iskola tal-Gvern Kullegg San Nikola ta' H'Attard bhala Eseosa Abigail Aghahowa kif jindika c-certifikat ta' partecipazzjoni mahrug mill-istess skola li jinsab anness u mmarkat bhala "Dok. B";

Illi sahansitra fost l-istess hbieb u studenti tal-istess Kullegg San Nikola, l-esponenti minuri hija indikata bl-isem "Eseosa Abigail Aghahowa" kif jirrizulta minn dokumenti

tal-istess Kullegg San Nikola anness u esebit bhala "Dok. C", u dan il-fatt se jirrizulta anke mix-xhieda tal-hbieb u l-familjari tar-rikorrenti minuri fil-mori tal-odjerna kawza;

Illi kemm-il darba hija tibqa' indikata bl-isem ta' "Eseosa Princess" minflok "Eseosa Abigail" jista' johloq problemi lill-minuri fis-sens li jista' jwassal ghal *bullying* u krizi ta' identita` fl-istess rikorrenti minuri u 'l quddiem johloq inkwiet lill-esponenti minuri peress li jkollha l-atti kollha li jirrigwardawha inkluz kuntratti ta' proprjeta`, kontijiet bankarji u dokumenti ohra pubblikati bl-isem "Eseosa Princess";

Illi ghaldaqstant kellha ssir dina l-kawza sabiex l-isem fuq ic-certifikati *de quo* jigi korrett.

Illi r-raguni ta' din it-talba hi li ghad li l-esponenti minuri kienet minn dejjem maghrufa bl-isem "Eseosa Abigail" fir-registrazzjoni tat-twelid tal-esponenti, l-isem hu indikat bhala "Eseosa Princess" u kwindi hemm lok li jsiru l-opportuni korrezzjonijiet fl-atti ta' stat civili li jirrigwardaw lill-esponenti fis-sens li dawn jigu jaqraw "Eseosa Abigail";

Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett illi, prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni, din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li l-ismijiet moghtija lill-esponenti minuri huma "Eseosa Abigail";

2. Tiddikjara li l-ismijiet li bihom it-tarbija ghandha tigi msejha huma "Eseosa Abigail" u bl-ebda isem iehor;

3. Tordna lill-intimat sabiex jikkoregi l-att tat-twelid tar-rikorrenti minuri bin-numru ta' iskrizzjoni 4843 tas-sena 2011 fil-parti dwar ismijiet moghtijin lit-tarbija u isem u ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha, l-ismijiet "Eseosa Princess" ghandhom jigu sostitwiti b' “Eseosa Abigail";

4. Tordna lill-intimat sabiex jaghmel l-opportuni korrezzjonijiet f’kull att tal-istat civili relattiv ghall-istess rikorrent;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa qed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-31 ta’ Jannar 2017.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 22 ta’ Dicembru 2016 (fol 14) fejn Dr Byron Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur tieghu ddikjara u kkonferma :-

1. Illi in linea preliminari jinghad illi huwa mehtieg li tal-inqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-**Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. Illi bla hsara ghall-premess, fl-ewwel lok huwa essenzjali ghall-intergrita` tal-gudizzju li r-rikorrent jitlob bl-applikazzjoni **tal-Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawza fis-sens li huwa ghandu jidher bhala *"Eseosa Princess sive Eseosa Abigail" stante* li l-isem *'Eseosa Abigail'* ma jappartjenix lilha skont kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid taghha bin-numru tal-iskrizzjoni erbat elef tmien mija u tlieta u erbghin (4843) tas-sena elfejn u hdax (2011);

3. Illi bla hsara ghall-premess, l-esponent umilment jirrileva li ma jirrizultax kemm mid-dikjarazzjoni mahlufa tar-rikorrenti kif ukoll mill-Att ta' Twelid fuq riferit li kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni mill-esponent;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jiddikjara li ma jsibx oggezzjoni ghall-annotazzjoni fl-att ta' twelid ta' isem ir-rikorrenti fil-kolonna *'Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha'* u cioe' li jigi jinqara 'Eseosa Abigail' minflok 'Eseosa Princess' salv pero` li huwa m'ghandux jinzamm responsabbli;

5. Illi ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f' ghajnejn il-ligi;

6. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti

mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat il-vebal tas-seduta tat-Tlieta, 31 ta' Jannar 2017 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Victor Scerri ghar-rikorrent. Dehret Dr Graziella Tanti ghad-Direttur Intimat. Id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx provi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-16 ta’ Frar 2017 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta’ ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta’ Malta saret debitament fl-1 ta’ Dicembru 2016 (fol 12) u b’hekk l-ewwel eccezzjoni hija sorvolata.

Illi r-rikorrenti qed jitolbu li l-isem ta' binthom minuri jigi korrett billi "Eseosa Princess" jigi sostitwit bl-isem "Eseosa Abigail".

Illi fil-mertu, r-rikorrenti ghandhom jipprovaw ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li binthom hija maghrufa konsistentement bl-isem "Eseosa Abigail". Ghal dan il-ghan, gew esebiti, kopja tac-certifikat ta' partecipazzjoni tal-iskola Primarja fejn tattendi bint ir-rikorrenti bhala Dok B (fol 6), u kopja ta' dokument mahrug mill-istess skola Dok C (fol 7). Fid-dawl ta' dawn id-dokumenti, din il-Qorti, hi tal-fehma li r-rikorrenti rnexxielhom jippruvaw li binthom hija msejha bl-isem "Aseosa Abigail", u t-talba taghhom hija ghalhekk gustifikata kif trid il-Ligi.

Ikkonsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Izda, taqbel mal-intimat, li ma jirrizultax li sar zball fir-registrazzjoni tal-isem fuq l-att tat-twelid. Ghalhekk, taqbel mal-intimat li m'ghandux ibati l-ispejjez.

Referibbilment ghat-tieni eccezzjoni, ikkonsidrat li l-ommissjoni ta' talba ghall-korrezzjoni fl-okkju, fis-sens li ghandu jidher bhala "Eseosa Princess sive Eseosa Abigail" abbazi ta' integrita` tal-gudizzju, ma ggibx in-nullita` jew l-irritwalita` tal-att, u fid-dawl tal-gurisprudenza aktar recenti, il-Qorti ghandha fejn tista', ssewwi zbalji f'atti gudizzjarji jew timxi per ekwipollenza.

Rigward ir-raba' talba din mhijiex konformi mal-artikolu 253(3) tal-Kap 16, billi l-atti ma gewx indikati bin-numru u s-sena. Ghalhekk, tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha sabiex jigi riservat ghar-rikorrenti l-possibilita` li jiddeducu talbiet ulterjuri in gudizzju jekk ikun il-kaz.

Ghaldaqstant, il-Qorti tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel tliet talbiet tar-rikorrenti.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-intimat kif spjegat, u tilqa' l-ewwel tliet talbiet tar-rikorrenti billi jigi dikjarat li l-minuri hija konsistentement maghrufa bl-isem "Eseosa Abigail"   u ghaldaqstant:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-isem moghti lill-minuri huwa "Eseosa Abigail".

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara  li l-isem li t-tarbija ghandha tigi msejha huwa "Eseosa Abigail".

3.  Tilqa' t-tielet talba u tordna lill-intimat  sabiex jikkoregi l-att tat-twelid numru  4843 tas-sena elfejn u hdax (2011) tal-minuri billi l-isem "Eseosa Princess" ghandu jigi sostitwit bl-isem "Eseosa Abigail".

4. Rigward ir-raba' talba tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ghar-raguni diga spjegata.

*16 ta' Frar 2017.*

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**16 ta' Frar 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**16 ta' Frar 2017**